# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 27 ta' Jannar, 2022**

**Kawża Nru. 26**

**Rik. Nru. 494/17JRM**

Dr. Miriam **SCIBERRAS** bħala *Chairman* tal-*Life Network Foundation* u Dr Klaus Vella Bardon bħala Viċi *Chairman* tal-*Life Network Foundation* f'isimhom proprju u Suzanne Vella, Mariella Catania, Martha Fitz u Marisa Gatt f'isimhom proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-group '*Save the Embryo Protection Act (Malta)*'

vs

**Is-SUPRINTENDENT GĦAS-SAĦĦA PUBBLIKA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-31 ta' Mejju, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu lil din il-Qorti (a) ssib li l-għemil tal-imħarrek li japprova l-użu, l-ikkummerċjar u l-bejgħ f'Malta lil min ikun tal-

prodotti mediċinali *EllaOne 30mg*, *Levonelle 1500mg* u *Escapelle 1500mg*, mingħajr il-ħtieġa ta' riċetta jew dokument ieħor, jammonta għal ksur tal-liġi għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) tħassar id-deċiżjoni tal-imħarrek għaliex hija kontra l-liġi u għalhekk bla ebda siwi; u (ċ) tordna lill-imħarrek jipproċessa mill-ġdid l-applikazzjoni tal-prodotti mediċinali magħrufa bħala *Morning after pill* fid-dawl tad-deċiżjoni ta' din il-Qorti. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ġunju, 2017[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-21 ta' Ġunju, 2017, li biha s-Suprintendent imħarrek laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li (i) l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku biex iressqu din l-azzjoni billi l-għemil amministrattiv li qed jintalab li jiġi mistħarreġ mhuwiex għemil amministrattiv magħmul fil-konfront tagħhom; (ii) li l-azzjoni ma tiswiex għaliex qiegħda titressaq bħala *actio popularis* meta l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jaħsibx għal azzjoni bħal din. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-teħid tal-miżura tagħha ma kisret ebda liġi li l-Qorti għandha tistħarreġ. Żiedet tgħid li waħda mill-funzjonijiet ta' l-Awtorita\` tal-Mediċini hija li tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Awtorita\` tal-Liċenzjar dwar prodotti li għandhom jitqiegħdu fis-suq imsejsa fuq dokumenti xjentifiċi. Il-prodotti *Escapelle* u *Levonelle* tqegħedu fuq is-suq lokali bħala mezz ta' kontraċezzjoni ta' emerġenza, filwaqt li l-prodott *EllaOne* hija liċenzjata ċentralment taħt is-setgħat mogħtijin mil-liġi lill-istituti kompetenti fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Tgħid li għalhekk, l-atturi messhom mexxew bi proċeduri kontra l-Kummissjoni Ewropea bit-teħid ta' proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skond il-mod proċedurali li jagħti aċċess quddiem dik il-Qorti. Temmet tgħid li hija mxiet dejjem b'mod korrett u fil-qafas tal-liġi li bis-saħħa tagħha hija nħatret;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2017[2], li bih ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, issir trattazzjoni tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari mressqa mis-Suprintendent imħarrek;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-Suprintendent għas-Saħħa Pubblika tas-17 ta' Novembru, 2017[3], dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi tad-29 ta' Diċembru, 2017[4], bi tweġiba għal dik tas-Suprintendent imħarrek;

[1] Paġġ. 6 – 7 tal-proċess
[2] Paġ. 80 tal-proċess
[3] Paġġ. 81 – 4 tal-proċess
[4] Paġġ. 87 sa 98 tal-proċess

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar ilment magħmul minn persuni attivi f'assoċjazzjonijiet li jmexxu 'l quddiem ħidma u kampanji għall-ħarsien tal-ħajja tal-bniedem sa mit-tnissil tagħha. Huma jilmentaw mill-għemil tas-Suprintendent imħarrek meta ħalliet li jitqiegħdu fis-suq prodotti mediċi li, fil-fehma tagħhom, jeqirdu l-ħajja wara t-tnissil tagħha. Jgħidu li dan sar bi ksur tal-liġi li tħares il-ħajja tal-bniedem. Għaldaqstant, iridu li filwaqt li l-Qorti tistħarreġ u tħassar id-deċiżjoni meħuda mis-Suprintendent imħarrek, tordnalha biex terġa' tqis mill-ġdid l-applikazzjoni għad-disponibilita` ta' dawn il-prodotti mediċi fuq is-suq;

Illi għal din l-azzjoni, is-Suprintendent imħarrek qalet li (i) l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku biex iressqu din l-azzjoni billi l-egħmil amministrattiv li qed jintalab li jiġi mistħarreġ m'huwiex egħmil amministrattiv magħmul fil-konfront tagħhom; (ii) li l-azzjoni ma tiswiex għaliex qiegħda titressaq bħala *actio popularis* meta l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jaħsibx għal azzjoni bħal din. Laqgħet ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi s-sentenza ta' llum qiegħda tingħata dwar dawn l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li f'Lulju tal-2016[5], ingħaqdu tliet kumitati parlamentari fi ħdan il-Kamra tad-Deputati tal-Parlament Malti ("Kumitat Konġunt"), jiġifieri l-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja u l-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa, biex f'livell Parlamentari jiddiskutu l-kontraċezzjoni ta' emerġenza magħrufa bħala *Morning-after Pill*. Din il-mediċina tittieħed mill-mara bil-għan li ma tinqabadx tqila. Il-kwestjoni li ġiet diskussa quddiem il-Kumitat kienet jekk fil-fatt din il-pillola, minbarra li sservi bħala kontraċettiv, kellhiex ukoll effetti abortivi. Kif mistenni, ġew diskussi kemm kwestjonijiet mediċi kif ukoll etiċi. Il-Fondazzjoni attriċi *Life Network* ħadet sehem attiv f'dan id-dibattitu u ressqet it-tħassib tagħha dwar l-użu ta' dawn il-mediċinali. Fil-fatt, il-Kumitat Konġunt ma wasal f'ebda

[5] Dok. "MS4" f'paġġ. 52 sa 68 tal-proċess

konklużjoni aħħarija minħabba l-bosta opinjonijiet ma jaqblux ma' xulxin tal-esperti li tressqu quddiemu;

Illi f'Diċembru tal-2016[6], l-Awtorita` ta' Malta dwar il-Mediċini ħarġet linji-gwida għall-ispiżjara dwar it-tmexxija minnhom ta' dawn il-mediċinali mill-ispiżeriji li fihom iservu;

Illi fl-20 ta' Jannar, 2017, is-Suprintendent għas-Saħħa Pubblika, fuq rakkomandazzjoni tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Mediċini, approvat fis-suq Malti l-bejgħ tal-prodotti mediċinali magħrufa bħala *Morning-after Pill*, bl-ismijiet *EllaOne* 30 mg, *Levonelle* 1500 mg, u *Escapell*e 1500 mg. Dawn setgħu jinxtraw minn min irid mingħajr il-ħtieġa ta' riċetta jew preskrizzjoni minn tabib mill-ispiżeriji li jagħżlu li joffruhom għall-bejgħ;

Illi fil-31 ta' Mejju, 2017, infetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-eċċezzjonijiet preliminari taħt eżami, jidher li ż-żewġ eċċezzjonijiet huma maħsuba li jżommu lil din il-Qorti milli tkompli tisma' u tqis l-azzjoni attriċi billi jattakkaw in-nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva fl-atturi u fl-għażla ħażina li għamlu li jressqu azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv bħallikieku kienet l-a*ctio popularis* maħsuba biex tattakka s-siwi ta' liġi[7];

Illi qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti sejra tistħarreġ is-siwi tal-**ewwel eċċezzjoni preliminari** li biha s-Suprintendent imħarrek torbot in-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-atturi mat-tifsira ta' '*egħmil amministrattiv*' taħt l-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-kwestjoni ta' x'inhu interess ġuridiku meħtieġ fl-attur ilu żmien ikun mistħarreġ mill-qrati tagħna, u dan għaliex il-liġi ilha żmien twil titlob dan ir-rekwiżit fl-att li bih tinbeda kawża;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin**,** l-interess meħtieġ fl-attur irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali[8]. L-interess irid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew lilu jkun mistħoqq[9];

Illi l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza.

---

[6] Dok. "MS6" f'paġġ. 71 – 9 tal-proċess
[7] Art. 116 tal-Kostituzzjoni
[8] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)
[9] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)

Għalhekk dan iġib miegħu il-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[10];

Illi għar-rigward tal-aspett ta' attwalita` tal-interess tal-attur, azzjoni tista' sseħħ u titqies imsejsa b'interess kif imiss kemm-il darba tkun kapaċi li tipproduċi riżultat vantaġġuż jew utili għal min jipproponiha u li dak ir-riżultat jista' jkun utilizzat[11]. Barra minn dan, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dak l-interess jonqos jew jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża[12]. Dejjem b'riferenza għall-element tal-attwalita`, b'mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawża, ingħad ukoll li fil-prattika ġudizzjarja wieħed jista' jressaq kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definitiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament[13]. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawża ta' aċċertament tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir 'il quddiem[14];

Illi l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifsu li bih tinfetaħ il-kawża[15], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi f'dak l-att ġudizzjarju, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[16];

Illi, min-naħa l-oħra, l-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti tifsira ta' x'inhu l-'egħmil amministrattiv' li din il-Qorti tista' tistħarreġ f'kawża taħt din il-proċedura speċjali. Il-liġi tfisser l-imsemmi 'egħmil' bħala "*l-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`. . .*". Jekk kemm-il darba għemil ma jkunx jaqa' taħt din it-tifsira, il-Qorti ma tistax tistħarrġu taħt dak l-artikolu f'azzjoni bħal din;

---

[10] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)
[11] Ara App. Ċiv. **27.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Bond vs Mangion et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.385**). Ara wkoll App. Ċiv. **14.9.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Millard vs Said et noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.299**)
[12] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**)
[13] Ara P.A. **12.3.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Balluċi vs Vella Gera noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.257**); u App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Petrococchino*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)
[14] Ara P.A. **10.10.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida noe vs Borġ Olivier noe et*** (Kollez. Vol: **L.ii.310** u Vol: **LI.i. 130**)
[15] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[16] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs. Michael Debono et*** (mhix pubblikata, imma msemmija u riportata fil-Kollez. Vol: **LXXIV.iii.438**)

Illi huwa stabbilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġlu juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew warrant li jsiru minn awtorita` pubblika sakemm tali deċiżjoni, ordni, liċenza, permess jew *warrant* ma ssirx bil-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorita`. L-għemil jista' jkun kemm fis-sura ta' deċiżjoni mgħarrfa bil-fomm u kif ukoll bil-miktub. Iżda mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorita` pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorita` pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha[17];

Illi s-Suprintendent imħarrek tisħaq li ladarba ma tressqitilha ebda talba mill-atturi li ġiet indirizzata minnha, din l-azzjoni mhix miftuħa għalihom[18]. Min-naħa l-oħra, l-atturi jilqgħu billi jgħidu li bl-użu tal-kelma "tinkludi", it-tifsira li tinstab fil-liġi mhix waħda restrittiva. Iżidu jgħidu li, fin-nuqqas ta' tifsira ta' "persuna", il-kelma għandha tinftiehem li tinkludi wkoll persuna ġuridika bħalma huma l-assoċjazzjonijiet attriċi. Jgħidu wkoll li l-interess ġuridiku tagħhom joħroġ mill-fatt li, bħala persuni li għadhom u jista' jkollhom ulied, għandhom kull interess li l-ħajja tal-ulied tkun protetta[19];

Illi l-atturi jressqu l-argument ewlieni li l-kejl tal-interess ġuridiku li jsejjes l-leġittimazzjoni attiva f'parti li tiftaħ kawża dwar dritt pubbliku m'għandux ikun l-istess bħal kejl mistenni f'azzjoni ta' dritt privat. Mhux hekk biss, imma huma jisħqu[20] li ladarba l-azzjoni tagħhom hija waħda ta' dritt pubbliku, lanqas għandhom għalfejn juru li jħaddnu interess ġuridiku biex iressquha. B'mod mill-aktar ċar, l-atturi jgħidu b'mod ċar li "l-għan tal-esponenti huwa li l-pilloli msemmija fir-rikors promotur ma jibqgħux preżenti f'Malta stante li għandhom il-potenzjal li jikkawżaw abort u għalhekk, li jagħtu lok għall-ksur lampanti tal-provvedimenti relattivi tal-Kodiċi Kriminali, tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni (Kap 524 tal-Liġijiet ta' Malta), tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Illi għalhekk l-interess tal-esponenti huwa wieħed pubbliku stante li jfittex li jissalvagwardja l-ħajja tal-bniedem u, fid-dawl ta' dan, huwa sottomess li ma hemm bżonn ebda interess ġuridiku"[21];

Illi l-Qorti, wara li qieset l-argumenti mressqa miż-żewġ partijiet, tasal għall-fehma li l-ewwel eċċezzjoni mressqa mis-Suprintendent imħarrek hija tajba. Mill-atti jirriżultalha li l-fondazzjoni semmgħet leħenha quddiem Kumitat

---

[17] App. Ċiv. **3.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Jupiter Co. Ltd. et vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***
[18] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 82 tal-proċess
[19] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 93 – 5 tal-proċess
[20] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom f'paġ. 88 tal-proċess
[21] *Ibid* f'paġ. 89 tal-proċess

Konġunt (ukoll jekk tilminta li l-ħin mogħti lilha ma kienx biżżejjed u ma tqassamx b'mod ġust[22]). Il-Kumitat huwa entità distinta u separata mis-Suprintendent imħarrek, liema Kumitat, fl-aħħar mill-aħħar, ma wasal għall-ebda kunklużjoni aħħarija dwar l-użu tal-kontraċezzjoni ta' emerġenza. Ħareġ biss sensiela ta' rakkomandazzjonijiet għall-kunsiderazzjoni tal-Awtorita`. Min-naħa l-oħra, u lil hinn mill-konklużjonijiet ta' dak il-Kumitat, is-Suprintendent imħarrek ħarġet ordni biex tali mediċina titqiegħed fis-suq fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Mediċini taħt l-Att tal-2003 dwar il-Mediċini[23];

Illi l-miżura li ħadet is-Suprintendent imħarrek ma kinetx fil-konfront tal-fondazzjoni attriċi. Fil-fatt fl-ebda stadju ma tressqet prova li l-fondazzjoni ressqet xi talba lis-Suprintendent u ġiet mistħarrġa minnha. Bid-deċiżjoni li ħadet is-Suprintendent imħarrek, l-interessi tal-persuni kif rappreżentati mill-fondazzjoni ma ġewx imwarrba jew mittiefsa. Għall-kuntrarju, il-miżura attakkata tindirizza l-interess ta' dawk in-nisa li, għal raġuni jew oħra, jagħżlu li jevitaw li jinqabdu fi tqala. Kienet tkun differenti s-sitwazzjoni kieku l-azzjoni nġiebet minn tali persuni għaliex, ngħidu aħna, ma jaqblux mar-restrizzjonijiet li setgħu ġew imposti fl-amministazzjoni tal-mediċinali mertu tal-każ. F'dak il-każ, kien ikun hemm interess ġuridiku li jwassal biex il-Qorti tisma' l-ilment tagħhom. L-interess tal-atturi, meta mqabbel mal-interessi ta' dawn l-aħħar persuni msemmija, mhux biss huwa differenti minn tagħhom iżda saħansitra oppost għalih. B'dan il-mod, l-atturi fil-kwalita` li fiha ressqu din l-azzjoni tagħhom, ma jistgħu bl-ebda mod jitqiesu li qegħdin jirrappreżentaw l-interess ta' dawk il-persuni;

Illi dwar l-argument li wħud mill-atturi għad jista' jkollhom ulied u għandhom interess li l-ħajja ta' wliedhom tkun imħarsa, din il-Qorti ssib li ftit li xejn jinbidel il-ħsieb tagħha dwar x'interess ġuridiku jista' jkollhom biex imexxu 'l quddiem l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv. Dan jingħad għaliex l-azzjoni attriċi tirrigwarda t-tqegħid bla xkiel fuq is-suq tal-imsemmija mediċinali għal min, fuq għażla tiegħu, jagħżel li jirrikorri għalihom. Dik il-miżura ma ġġiegħel lil ebda persuna li, għal raġunijiet mediċi jew etiċi, għandha tirrikorri għall-użu ta' dawk il-mediċinali;

Illi l-atturi ma wrewx lanqas li hemm xi dispożizzjoni ta' liġi partikolari li tagħtihom għarfien ta' *locus standi* biex jattakkaw il-miżura meħuda mis-Suprintendent imħarrek taħt is-setgħat tal-liġi li biha nħarġet dik il-miżura[24], lil hinn mill-interess ġuridiku li huwa mitlub minnhom skond il-liġi u l-prinċipji ta' dritt hawn fuq imfissrin. Dak il-*locus standi*, kieku jingħata, kien

[22] Affidavit ta' Dr Miriam Sciberras, f'paġ. 28 tal-proċess
[23] Artt. 3(2)(j) u 22 tal-Att III tal-2003 (Kap 458)
[24] Ara b'eżempju, App. Ċiv. **27.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Is-Soċjeta` The Ramblers' Association of Malta vs L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et*** §§ 10 – 18

jikkostitwixxi l-leġittimazzjoni attiva meħtieġa fl-atturi fil-kawża tallum biex jistgħu jmexxu 'l quddiem l-azzjoni tagħhom[25];

Illi l-Qorti tapprezza wkoll is-sottomissjonijiet studjati magħmulin mill-atturi dwar it-twessigħ tal-aspett tal-leġittimazzjoni attiva fil-każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv. B'mod partikolari, huma jistrieħu fuq żviluppi li seħħew fir-Renju Unit f'dak li jirrigwarda l-jedd li persuna tressaq azzjoni kontra xi awtorita` pubblika bla ma jkollha għalfejn turi li għandha interess personali fil-kwestjoni mertu ta' dik il-kawża. Iqajmu l-argument siewi li hemm ċirkostanzi fil-qasam tad-dritt pubbliku fejn l-għemil tal-amministrazzjoni pubblika jolqot l-interessi ġenerali, imma mhux ta' xi persuni partikolari. Jgħidu li, f'każijiet bħal dawn u jekk kemm-il darba wieħed jimxi bil-kejl tar-regoli tradizzjonali proċedurali tal-interess ġuridiku, jiġri li għemil ta' awtoritajiet pubbliċi ma jkunx hemm min jista' jiqaflu u dan iġib miegħu nuqqas ta' kontroll fuq dawk l-awtoritajiet u t-tixjin tas-saltna tad-dritt minħabba li l-istess awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu jagħmlu użu ħażin mis-setgħat tagħhom bla ma jżommhom ħadd;

Illi l-Qorti qieset sewwa dan l-argument u tagħraf li, b'mod partikolari fil-qasam tad-Dritt Amministrattiv, il-problema tal-leġittimazzjoni attiva fir-rigward ta' għemil minn amministrazzjoni jew Awtorita` pubblika nissel il-ħtieġa ta' mod ġdid kif wieħed iħares lejn min jista' jressaq azzjoni f'qorti kontra jew dwar xi miżura meħuda minn dik l-amministrazzjoni jew dik l-awtorita` minkejja li l-miżura ma tkunx tolqtu direttament. Fir-Renju Unit – l-ordinament ġuridiku li fuqu l-atturi jsejsu dan l-argument tagħhom b'mod ewlieni – tabilħaqq saru bidliet f'dan ir-rigward sa mill-1981. Madankollu, dan sar b'bidla espressa fil-liġi[26] nazzjonali, bit-tneħħija tar-regoli li kienu jgħoddu sa dakinhar dwar min jista' jressaq kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar għemil amministrattiv u f'liema ċirkostanzi. B'riħet dik il-bidla, azzjoni bħal dik setgħet titressaq minn min ikun fuq is-saħħa tal-interess pubbliku li l-għemil amministrattiv iġib miegħu. Fi kliem ieħor, il-kwestjoni tal-leġittimazzjoni attiva f'azzjoni bħal dik ma tibqax waħda preliminari ta' proċedura, imma waħda li tolqot il-mertu nnifsu (ukoll jekk, hi u tqis il-mertu, il-qorti tista' tagħti l-fehma tagħha dwar jekk il-parti attriċi kellhiex leġittimazzjoni attiva biex tressaq il-każ);

Illi kif jingħad mill-awturi f'dan il-qasam tad-Dritt Amministrattiv, "*The law will now focus upon public policy rather than private interest. Standing is thus today seldom a determining issue in applications for judicial review. If the merits are weak, the application will fail without consideration of standing and if the merits are strong, denial of relief or lack of standing will prove more*

[25] App. Inf. LM **14.7.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***The Ramblers' Association vs L-Awtorita` tal-Artijiet*** § 23
[26] Art. 31(3) Senior Courts Act 1981

*than judicial flesh and blood can bear. .. .. That, again, is tantamount to saying that standing has been abolished as a restrictive principle of public law*"[27];

Illi fuq is-saħħa ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u żviluppi legali li seħħew maż-żmien, l-argument tal-atturi kien ikollu siwi kbir li jaf iwassal lil din il-Qorti biex twarrab l-eċċezzjoni taħt eżami bħala waħda mhix mistħoqqa, jekk kemm-il darba l-istess atturi jistgħu juru li l-miżura minnhom attakkata hija waħda ta' interess pubbliku;

Illi, madankollu, għar-raġunijiet imsemmijin aktar qabel u sewwasew fil-qafas tal-għamla ta' azzjoni li l-atturi għoġobhom jagħżlu biex jiftħu din il-kawża, il-Qorti ma tistax taċċetta li l-atturi ma kellhomx għalfejn juru interess ġuridiku biex setgħu jmexxu. L-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (li jaf in-nisel tiegħu fil-bidliet imdaħħlin fil-Kodiċi tal-Organiazzjoni u Proċedura Ċivili bis-saħħa tal-artikolu 7 tal-Att VIII tal-1981) li taħtu l-atturi ressqu din l-azzjoni tagħhom irieġi qasam partikolari ta' azzjoni ġudizzjarja u, sa ċertu punt, jikkostitwixxi s-sinteżi tal-istorja proċedurali fejn jidħlu kawżi mressqa kontra l-awtoritajiet pubbliċi f'Malta minn persuni milquta b'għemil amministrattiv. Dak l-artikolu jinbena fuq il-ħtieġa li l-parti attriċi turi li għandha interess personali, ġuridiku u attwali f'dak l-għemil. Minbarra dan, għall-finijiet tal-ordinament ġuridiku Malti, l-imsemmi artikolu jiddefinixxi l-parametri ta' azzjonijiet ta' dik l-għamla u għalhekk ma hemm l-ebda "*lacuna*" li titlob li qorti f'Malta ddur għat-tħaddim ta' prinċipji ta' Dritt Pubbliku Ingliż[28], kif l-atturi jissottomettu li jmissha tagħmel din il-Qorti f'dak li jirrigwarda l-aspett tal-leġittimazzjoni attiva tagħhom;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li tabilħaqq tonqos fl-atturi l-leġittimazzjoni attiva li jressqu u jmexxu 'l quddiem din il-kawża. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda **t-tieni eċċezzjoni preliminari**, jingħad li kif tajjeb tissottometti s-Suprintendent imħarrek[29], din tintrabat sfiq mal-eċċezzjoni ta' qabilha. Ladarba l-atturi jgħidu espressament li l-azzjoni li għażlu li jressqu hija dik ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv, huwa meħtieġ li min iressaq azzjoni bħal dik juri li għandu l-interess ġuridiku meħtieġ li jressaqha u jmexxiha 'l quddiem. L-eċċezzjoni taħt eżami tgħid li l-azzjoni attriċi hija l-*actio popularis* mistura taħt l-azzjoni maħsuba fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

[27] HWR Wade & CF Forsyth Administrative Law (11th Edit) p. 587
[28] Ara P.A. MCC **14.8.1972** fil-kawża fl-ismijiet ***John Lowell noe et vs Dr Carmelo Caruana et*** (mhix pubblikata)
[29] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'paġ. 81 tal-proċess

Illi l-Qorti ma tqisx li dan huwa l-każ, għaliex l-għan dikjarat tal-azzjoni popolari huwa dak li jattakka s-siwi ta' liġi li ma tkunx waħda inkonsistenti ma' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali mħarsa fil-Kostituzzjoni. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi ma humiex qegħdin jattakkaw is-siwi tal-ebda liġi, imma biss il-miżura mis-Suprintendent imħarrek li tawtoriżża l-bejgħ tal-mediċinali mertu tal-kawża fuq is-suq lil min irid jiksibhom. Fit-tieni lok, minkejja li wħud mill-premessi fl-att promotur jagħtu ħjiel li l-atturi fil-kwalita` tagħhom premessa qegħdin imexxu l-kawża fuq is-saħħa li l-miżura attakkata qiegħda tikser għadd ta' dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi Maltija u tad-dritt internazzjonali li pajjiżna ntrabat bihom, l-azzjoni hija esklussivament maħsuba bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv dwar il-miżura meħuda mis-Suprintendent imħarrek u l-legalita` ta' dik il-miżura u tressqet fis-sura preskritta ta' azzjoni mibdija b'rikors maħluf quddiem il-Qorti li quddiemha messha tressqet. Fit-tielet lok, azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju mhix maħsuba li tirrigwarda jew titlob stħarriġ dwar is-siwi intrinsiku ta' liġijiet, għaliex l-għemil ta' liġijiet ma jikkostitwix "egħmil amministrattiv"[30];

Illi l-fehma tas-Suprintendent imħarrek li l-azzjoni mibdija mill-atturi fil-kwalita` tagħhom premessa hija l-azzjoni popolari mhix tajba. Din il-Qorti ma tara l-ebda nullita` fis-sura ta' att promotur li bih infetħet din il-kawża. Li kieku l-atturi seħħilhom juru li għandhom leġittimazzjoni attiva f'din il-ħaġa, il-Qorti kienet tibqa' tisma' l-każ tagħhom;

Illi għalhekk, safejn it-tieni eċċezzjoni preliminari hija maħsuba li tattakka s-siwi formali tal-azzjoni attriċi, il-Qorti ssib li mhijiex tajba u mhix se tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari** safejn din tissejjes fuq is-siwi formali tal-azzjoni attriċi;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** mressqa mis-Suprintendent għas-Saħħa Pubblika bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u ssib li tonqos fl-atturi l-leġittimazzjoni attiva biex iressqu u jmexxu 'l quddiem azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, u għalhekk teħles lill-istess Suprintendent imħarrek mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi **spejjeż** għall-atturi.

---

[30] App. Ċiv. **8.11.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Borġ vs Ministru Responsabbli mill-Ġustizzja u l-Intern et*** §§ 9 – 10

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**27 ta' Jannar, 2022**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**